**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Ġunju, 2017.**

**Talba Nru: 201/2017PA**

**GO plc**

**vs**

**Martin Kevin James**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fis-17 ta' April 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' disa' mija, tlieta u sittin Ewro, sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€963.27ċ) in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont numru 40373585 wara li l-istess konvenut baqa' ma ħallasx minkejja li kien debitament interpellat biex jagħmel dan. Is-soċjeta' attriċi talbet ukoll li l-konvenut jiġi kundannat iħallas l-ispejjeż u d-drittijiet, u l-imgħax mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta' attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospett tal-ħlasijiet mitluba fuq il-kont mertu ta' din il-kawża (Dok.'A', fol.2); (ii) kopja tal-kuntratt li s-soċjeta' attriċi kellha mal-konvenut (Dok.'B', fol.3); u (iii) kopja ta' ittra uffiċjali eżekuttiva preżentata mis-soċjeta' attriċi kontra l-konvenut fl-24 ta' Novembru 2015 (Dok.'C', fol.4-5).

Ra n-Nota ta' Ammissjoni ppreżentata mill-konvenut fit-13 ta' Ġunju 2017, li permezz tagħha ammetta t-talba attriċi, u talab żmien biex ihallas

Jidhirlu li din it-talba tas-soċjeta' attriċi tirriżulta suffiċjentement pruvata, bl-ammissjoni wkoll tal-konvenut.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' disa' mija, tlieta u sittin Ewro, sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€963.27ċ), bl-imgħax legali u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.D.**
**ĠUDIKATUR**